Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 19/2011

**Bugeja Company Limited**

**Vs**

**Central Lifts Co Limited u Marco Paul Vella**

It-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2015.

Permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Ottubru, il-kumpannija konvenuta giet kundannata thallas lill-attrici s-somma ta' disat elef tlett mija u erbgha u tletin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€9,334.78), filwaqt li l-konvenut gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Mis-sentenza appellat il-kumpannija konvenuta. L-aggravji taghha huma li:

i. L-ewwel qorti naqset milli tikkunsidra l-argumenti li ghamlet dwar ir-responsabbiltajiet ta' Marco Paul Vella bhala direttur taghha.
ii. It-tieni aggravju hu dwar l-apprezzament tal-provi.

L-appellati wiegbu (fol. 13 u 20).

Waqt is-seduta tas-7 ta' Jannar 2015 id-difensuri tal-partijiet ghamlu riferenza ghall-argumenti li saru fir-rikors tal-appell u twegibiet u *"awtorizzaw lill-qorti biex tghaddi ghas-sentenza"* (fol. 30).

Fir-realta' l-appell ta' Central Lifts Co Limited hu sabiex din il-qorti taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi li tressqu quddiem l-ewwel qorti. Qalet sew l-ewwel qorti li:

*"Illi l-konvenuti m'humiex qed jikkontestaw il-quantum fl-eccezzjonijiet taghhom pero' kemm il-konvenut Marco Vella de proprio kif ukoll is-socjeta Central Lifts Company Limited qed ighidu li huma m'humiex il-legittimi kontradditturi f'din il-kawza.... u ghalhekk l-ezercizzju li ghandha taghmel din il-qorti hu li tezamina l-atti u tara min hu l-konvenut li ghandu jwiegeb ghad-domanda attrici".*

Wara li l-qorti rat l-atti tosserva:

i. L-azzjonisti tal-kumpannija appellanti kienu Marco Paul Vella, Rudolf Azzopardi u Allan Mifsud.

ii. Skond l-istatut tal-kumpannija l-ewwel diretturi taghha kienu dawn it-tliet persuni u *"The legal and judicial representation of the Company shall be vested* ***in any Director of the Company*** *or without prejudice to the aforesaid, by any person or persons nominated by the board of directors for such purpose"* (fol. 93). Ghalhekk ir-riferenza li ghamlet l-appellanti ghal partijiet ohra tal-istatut (ara l-ewwel aggravju tar-rikors tal-appell) u l-Artikolu 136 tal-Att dwar il-Kumpanniji ma jghinux it-tezi taghha. Meta Vella kien qieghed jordna l-merkanzija, dan kien qieghed jaghmlu biex isir ix-xoghol tal-kumpannija. Skond l-istatut kellu kull dritt li jidhol f'dan in-negozju ghan-nom tal-kumpannija konvenuta. Il-qorti ma taqbel xejn mat-tezi tal-appellanti li Vella *'.... agixxa kemm-il darba barra mill-parametri lil lilu gew indikati u assenjati mis-socjeta appellanti'*.

iii. Saviour Muscat li kien ghamel zmien jahdem mal-appellanti, xehed li l-appellat Vella kien jibaghatu jigbor il-merkanzija minghand il-kumpannija appellata; *"Nixtieq nghid li ghal ewwel kien jibaghatni dejjem Mark Vella ......"* (fol. 107). Ix-xhud kompla jispjega li f'dak iz-zmien l-appellanti kellha xogholijiet ghaddejjin gewwa t-Tropicana Hotel, blokk appartamenti fis-Swieqi u iehor fix-Xemxija. F'uhud mid-*delivery notes* tissemma t-Tropicana, jissemma wkoll Swieqi u Xemxija. Dan hu ndizju iehor li l-merkanzija kienet qeghda tinxtara ghall-appellanti.

iv. Mill-provi ma rrizultax li Mark Vella kellu xi negozju personali.

v. Rudolf Azzopardi, direttur tal-appellanti, xehed li *"... xoghol fuq barra kien jiehu hsiebu l-konvenut Marco Paul Vella"*. Hu verosimili ghalhekk li l-ordnijiet tal-materjal kien jiehu hsiebhom Vella.

vi. Gaetano Micallef, impjegat tal-kumpannija appellata, xehed li Marco Vella kien kellmu u qallu li kien interessat li jibda jixtri merkanzija. Qallu wkoll li kien wiehed mid-direttur tal-kumpannija appellanti u meta kien imur jigbor il-merkanzija kien ikun qieghed isuq vann li fuqu kellu l-isem tal-kumpannija appellanti. Zied li kien hemm drabi meta l-merkanzija ngabret minn haddiem tal-kumpannija appellanti. Charles Bugeja, direttur tas-socjeta appellata, qal li Vella kien imur ghandhom jixtri merkanzija ghan-nom tal-kumpannija appellanti[1] (fol. 45), li jikkorabora dak li xehed Saviour Muscat. Verzjonijiet li jkomplu juru li n-negozju kien bejn iz-zewg kumpanniji.

vii. Ghalkemm l-appellanti ssostni li minghand il-kumpannija appellata qatt ma xtrat oggetti *on credit*, jirrizulta li kienet qeghda tixtri *on credit*.

viii. Fil-fehma tal-qorti d-deposizzjoni ta' Alan Mifsud ma tistax tghin id-difiza tal-appellanti. Ix-xhud stess qal li r-rwol tieghu fil-kumpannija kien *"**ftit li xejn**... Essenzjalment* ***dwar il-meritu ta' dan in-negozju u l-meritu tal-kawza odjerna nghid li ma naf xejn***.

---

[1] *"Nixtieq nghid li jiena ghidt li Marco Paul Vella kien jigi ghan-nom ta' Central Services peress li huwa kien ighidilna hekk ......Ghalina d-debitur taghna kien Central Services Ltd. Lilna Marco paul Vella kien ighidilna li x-xoghol kien ghall-kumpannija Central Services Ltd."* (fol. 56).

*Dwar il-kontijiet u invoices esebiti f'dawn l-atti pero jien ma naf xejn u ma nista' nghid xejn"* (fol. 102).

ix. Ghalkemm l-appellanti ghamlet riferenza ghal lista ta' kredituri tal-appellanti, qatt ma gie pprezentat dokument f'dan is-sens. Rudolf Azzopardi xehed li kienet saret laqgha u f'dik l-istess gurnata kienet inghatat lista ta' kreditur lill-accountant. Dokument li ma giex prezentat. Hu veru li Vincent Bonello xehed: *"Mistoqsi jekk is-socjeta attrici Bugeja Company Limited issemmietx f'din il-lista ta' kredituri, nghid li le ma kien hemm l-ebda riferenza ghaliha"* (fol. 67). Pero' l-ahjar prova kienet tkun il-lista tal-kredituri. F'kull kaz il-provi l-ohra li ssemmew f'din is-sentenza juru li kreditu jezisti.

x. Rudolf Azzopardi xehed li l-kumpannija appellanti kellha progett gewwa l-lukanda Tropicana, San Giljan u wkoll fi blokk appartamenti tal-Ibragg. Zied li *".... sa fejn naf jien materjal li ntuza ghal dawn il-progetti konna ngibuh minghand il-Lotus"*. Ma gewx prezentati xhieda jew dokumenti li jsahhu din il-verzjoni.

xi. Hu veru li fid-*delivery notes* li l-appellat Vella qal li ffirma, m'hemmx li qieghed jiffirma ghan-nom u in rapprezentanza ta' Central Lifts Co. Limited. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li n-negozju ma ghamlux ghan-nom taghha.

xii. Ghal finijiet ta' din il-kawza, dak li hu rilevanti hu ma' min ghamlet in-negozju s-socjeta appellata. L-ewwel qorti kkonkludiet li n-negozju sar bejn iz-zewgt kumpanniji. Jekk tezisti kwistjoni nterna bejn l-appellanti u Vella allura dik hi materja li ma tikkoncernax lis-socjeta attrici. L-ewwel qorti ma kellix bzonn taghmel indagni ta' x'sar bil-materjal li nxtara minghand il-kumpannija appellata.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet l-qorti taqbel perfettament mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez tieghu kontra l-kumpannija appellanti**.

Anthony Ellul.